MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 69/2000/1

Paul Portelli .

vs

Joseph Portelli .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat minn din il-Qorti li previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-attur jiddetjeni l-bicca raba msejha 'Ta' Habel it-Twil' f'ta' Majza fil-limiti tan-Nadur, tal-kejl ta' cirka erba' mija u sebgha u sittin punt hamsa metri kwadri (467.5 m.k.) u konfinanti mill-punent ma' beni ta' Frank Buttigieg, xlokk ma' beni ta' Maria Portelli, u majjistral ma' passagg b'titolu ta' qbiela, u illi huwa qieghed jokkupa din l-istess bicca raba llegalment u bla ebda titolu, u li jigi kundannat jizgombra minn din l-istess raba fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss .

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt .

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-okkupazzjoni llegali da parti tieghek tal-istess bicca raba.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi d-domandi tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi r-raba msemmija fl-avviz mhux biss ma hiex mqabbla lilu imma hija mqabbla lill-konvenut u ilha hekk mqabbla snin peress illi giet mqabbla lilu minn missieru ;
2. Illi ghalhekk d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur .

Rat il-verbal tal-partijiet tat-12 ta' Novembru 2002 fejn qablu li jiskambjaw noti ta' l-osservazzjonijiet dwar il-kwistjoni jekk din il-kawza setghetx tigi istitwita in vista tat-transazzjoni tad-19 ta' Jannar 1999 esebita fl-atti tal-kawza citaz. nru. 97/1986, kopja ta' liema tinsab allegata mal-kawza prezenti .

Rat il-verbal taghha tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza dwar din il-kwistjoni .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din it-transazzjoni li kienet tirreferi ghal zewg kawzi bejn l-istess kontendenti, gie miftiehem illi :

*"a. L-attur ghandu jcedi l-kawzi fuq citati fl-ewwel seduta li jmiss wara li jigi ffirmat dan il-ftehim ;*

*b. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg kawzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet ;*

*c. Kull parti tiddikjara illi ma fadlilha ebda pretensjoni kontra l-parti l-ohra naxxenti minn jew konnessa mal-mertu ta' dawn iz-zewg kawzi."* [1]

Kawza minnhom ma kellha x'taqsam xejn mal-kawza prezenti,[2] imma c-citazzjoni numru 97/1998 kienet dwar allegat spoll fuq l-istess bicca raba' mertu tal-kawza prezenti . Il-kwistjoni li trid tigi ghalhekk deciza minn din il-Qorti hija jekk din it-transazzjoni kif redatta kelliex teffetwa kwalunkwe kwistjoni li seta' kellhom il-partijiet dwar din ir-raba, inkella kienitx tirreferi ghall-kwistjonijiet unikament relatati ma' dik il-kawza biss .

Jinghad fid-dottrina legali li : "*Il primo e principale effetto della transazione e' di far cessare uno stato giuridico incerto ed in ispecie, come applicazione generale e normale di tal principio, di por fine ad una controversia nata o impedirne il sorgere …. La transazione … e' caratterizzata dal concorso cumulativo di due condizioni, cioe' la res dubia e le concessioni reciproche, convergenti nell'unico fine che e' di por termine all'incertezza del rapporto … . Cio' richiama alla memoria lo scopo e la funzione della res iudicta … .*" [3]

Konsegwentement : "*Come il giudicato, cosi' la transazione … . Non si estende oltre cio' che ne forma l'oggetto . Giudicato e' transazione hanno egualmente per iscopo di porre fine ad una o piu' determinate controversie, ma la loro azione e' naturalmente limitata alla questione o alle questioni che si sono volute decidere, ne' si estende ad altre controversie; quindi e' logico che gli effetti della transazione non si estendono al di la' del suo obiettivo*." [4]

---

[1] Ara kopja ta' din it-transazzjoni esebita fl-ahhar pagna tal-process tac-citaz: nru. 97/1986 allegat ma' l-atti tal-kawza prezenti .
[2] infatti kienet tirrigwarda l-konsenja ta' xi prodotti tar-raba .
[3] Digesto Italiano vol. XXIII. I. voce Transazione, para 118 pag. 1749 .
[4] Ricci : Diritto Civile 2 da Ed. vol. IX para 116 .

Il-ligi taghna haddnet principji simili meta stabiliet illi :

**(i) it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iweghdu jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir ;**[5]

**(ii) fit-transazzjoni ma jidholx hlief dak li hu l-oggett taghha; fir-rinunzja maghmula f'kuntratt ta' transazzjoni ghall-jeddijiet, azzjonijiet u pretensjonijiet kollha, jidhol biss dak li jkollu x'jaqsam mal-kwistjonijiet li mhabba fihom tkun saret dik it-transazzjoni ;**[6]

**(iii) it-transazzjoni ma taghtix tmiem hlief ghall-kwistjonijiet li l-partijiet kellhom fil-hsieb, sew jekk il-partijiet ikunu wrew il-hsieb taghhom bi kliem specjali jew generali, kemm jekk dan il-hsieb ikun jidher bhala ta' bilfors il-konsegwenza ta' dak li jkun gie dikjarat ;**[7]

**(iv) it-transazzjoni ghandha, bejn il-partijiet, is-sahha ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat .**[8]

Mela bhal fil-kaz tar-*res iudicata* anke hawnhekk iridu jissusistu l-elementi tal-*eadem res, personae, causa .* Ma jezisti l-ebda dubbju illi sew fit-transazzjoni in kwistjoni, kif ukoll fil-kawza prezenti, ghandna l-istess **oggett** (l-ghalqa tal-Habel it-Twil limiti tan-Nadur) u l-istess **persuni** (l-ahwa Joseph u Paul Portelli) . Imma jista' jinghad illi ghandna wkoll l-istess ***causa*** ? Wahda mill-kawzi li gew transatti b'din it-transazzjoni kienet tirrigwarda allegat spoll kommess appuntu fuq din l-ghalqa ghad-dannu ta' l-attur Paul Portelli . Kif jghid tajjeb l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, kawza ta' spoll hija kawza possessorja u l-ezitu taghha qatt ma jista' jkollu effett li jincidi fuq it-titolu tal-kontendenti fuq il-beni in kwistjoni . Mill-atti ta' dik il-kawza jirrizulta illi l-allegat spoll kien

---

[5] art. 1718 kap. l6 .
[6] art. 1725 Kap. 16 .
[7] art .1726 Kap. 16 .
[8] art. a 729(1) Kap. 16 .

jikkonsisti fit-tqeghid ta' gebla biex timblokka l-passagg ghall-ghalqa *de quo .* Minn naha l-ohra fil-kawza prezenti l-Qorti ntalbet tiddecidi min mill-kontendenti ghandu titolu ta' qbiela fuq din l-ghalqa .

Il-konvenut jippretendi illi b'dik it-transazzjoni l-attur kien irrinunzja ghal kull pretensjoni li seta' kellu fuq l-ghalqa in kwistjoni u infatti jaghmel hafna enfasi fuq il-kliem uzat fl-istess transazzjoni . Imma kif intqal mill-qrati taghna : "… *r-regola hi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bi buona fede u ghalhekk la transazzjoni li ntlahqet bilfors li kienet ibbazata fuq koncessonijiet reciproci u mhux fuq rinunzja jew abdikazzjoni ta' drittijiet isegwi li fl-interpretazzjoni ta' dik l-iskrittura il-Qorti ghandha d-dritt u d-dover li zzomm dan kollu quddiem ghajnejha fl-isfond tar-rizultanzi processwali* … "[9]

Ghalhekk, minkejja illi l-attur prezenti b'dik it-transazzjoni kien irrinunzja ghal kull pretensjoni **naxxenti minn jew konnessa** mal-mertu tal-kawza ta' spoll imsemmija, dan ma jistax ifisser hlief illi ma kienx ghad fadallu ebda pretensjoni kontra huh dwar ic-cirkostanzi li taw lok ghal dik il-kawza, u cioe' t-tqeghid tal-gebla fl-access ghall-ghalqa in kwistjoni, u mhux ukoll illi kien qed jirrrinunzja ghal kwalunkwe dritt li kien jippretendi li ghandu fuqha .

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, thalli l-kawża ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

s6900Pcf(sip) ‘

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Appell Kummercjali : John Micallef vs Charlie Ciangura vol. LXIX, pt. IV, pag. 514